MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2089/2004

**Joseph Grima**

**Vs**

**Maria Tanti**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm789.76c) rapprezentanti danni subiti minnu f'kollizjoni li sehhet fil-15 ta' Mejju, 2004 waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura CAC 752 u habtet mal-vettura SAX 082 proprjeta' ta' l-attur u misjuqa minn Cleaven Grima.
Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet li qed tichad ir-responsabbilta' ta' l-incident.

Ra l-Ittra miktuba mill-avukat tal-konvenuta li biha ddikjara li mhux qed jikkontesta l-*quantum*.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda ta' Cleaven Grima, Warden 31 Stephen Cassar u tal-konvenuta.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-Avukati Dr Joseph Zammit McKeon ghall-attur u ta' Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenuta.

**Ikkunsidra**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-kollizjoni in kwistjoni sehhet fl-isports complex tal-Birgu. Cleaven Grima, li kien qed isuq il-vettura ta' l-attur kien miexi fit-triq li qieghda ghad-dritt mentri l-konvenuta kienet qieghda ssuq fit-triq li taghti ghat-triq minfejn kien gej Grima. Cleaven Grima jghid li kien ghaddej ghad-dritt u li lemah il-vettura tal-konvenuta izda hin minnhom din harget u laqtitu minn wara u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Il-konvenuta ssostni illi hija kienet waslet fl-inkrocju mat-triq minfejn kien gej Grima u rat il-karozza ta' Grima li fl-opinjoni taghha kienet 'il boghod bizzejjed biex hi tkun tista' tohrog liberament u minghajr ostakolu. Hija harget izda f'daqqa wahda hasset id-daqqa man-naha tax-xellug taghha b'tant forza illi hija giet imbuttata ghal fuq il-bankina fuq in-naha tal-lemin taghha. Il-karozzi baqghu kif kienu sakemm gew il-Wardens.

Xehed Warden 31 Stephen Cassar u pprezenta *sketch* ta' kif sab il-vetturi.

Jigi relevat li ghalkemm fir-Rapport tal-Warden hemm indikat li l-konvenuta qalet li ma ratx il-vettura ta' l-attur ghaliex kien hemm ix-xemx fil-fatt jirrizulta li fil-mument tal-kollizjoni hija kienet taht xokk qawwi u fil-fatt l-indikazzjoni ta' ghaliex inkitbet l-iskuza tax-xemx johrog car mix-xhieda ta' Warden 31 Stephen Cassar. Hu ma

setax jifhem kif il-konvenuta ma ratx il-vettura misjuqa minn Grima u hu stess issuggerielha diversi alternattivi fosthom illi forsi ma ratx lil Grima ghaliex kellha x-xemx f'ghajnejha u hi qaltlu kliem bhal 'allura mela bix-xemx', u b'hekk tnizzlet l-iskuza tax-xemx fir-Rapport. Dan juri kemm il-konvenuta ma kienetx pjenament konsapevoli dwar dak li kienet qed tghid dak il-hin – tant illi ftit wara kitbet u talbet li r-Rapport jigi kkorregut.

It-Tribunal kellu l-opportunita' jisma' x-xhieda tal-konvenuta *viva voce* u b'hekk kellu l-opportunita' jevalwa x-xhieda taghha.

Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jigi ezaminat ir-responsabbilta' rispettiva taz-zewg sewwieqa. Jirrizulta li Grima kien qed isuq ghad-dritt, kien miexi ghall-affari tieghu izda huwa kien obbligat li jzomm *a proper lookout* u joqghod attent ghal dak li hemm quddiemu biex jekk tinqala' xi emergenza hu jista' jiehu l-prekawzjonijiet xierqa w opportuni.

Minn ezami tax-xhieda, mill-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incident u partikolarment mir-ritratti esebiti li jindikaw il-hsara fuq il-vettura ta' Grima jidher car illi fil-fatt il-hsara tieghu giet minn wara lejn il-quddiem tant li l-vetturi spiccaw kwazi jmissu ma' xulxin ponta ma' ponta min-naha ta' quddiem.

Anki jekk wiehed jara x-xoffa tal-bieba tal-karozza ta' Grima jinduna li din tinsab migbuda ftit lejn 'il quddiem li jfisser li fil-fatt fil-mument tal-habta l-vettura misjuqa minn Tanti kienet gejja b'iktar velocita' minn dik misjuqa minn Grima u li fil-fatt id-daqqa fuq Grima saret min-naha ta' wara lejn 'il quddiem.

Dan ifisser li fil-mument li sehh l-incident Grima ma seta' jaghmel xejn iktar milli kien qieghed jaghmel biex jevita l-kollizjoni billi l-vettura misjuqa minn Tanti giet minn magenbu pjuttost min-naha ta' wara tieghu u harget ghal fuqu u laqtitu.

Fir-rigward tas-sewqan ta' Tanti, t-Tribunal jidhirlu li s-sewqan taghha kien wiehed imprudenti billi t-Tribunal m'huwiex konvint li hija verament waqfet qabel ma harget ghal fuq il-karreggjata fejn sehh l-incident. Id-dinamika ta' kif spiccaw il-vetturi jidher car illi hija kienet miexja fil-mument tal-kollizjoni u li fil-fatt kienet il-vettura taghha li dahlet fil-vettura misjuqa minn Grima u l-karozzi baqghu jitkaxkru flimkien sakemm waqfu b'rizultat ta' l-impatt.

Qabel ma tohrog fil-karreggjata minfejn kien gej Grima, Tanti kellha tieqaf, tesplora sew it-triq qabel ma tohrog u meta hija tkun tista' tohrog, li taghmel hekk minghajr ma tohloq l-ebda ostakolu jew hsara lill-vetturi li hemm fit-triq in kwistjoni.

Jidher car li Tanti m'ghamlitx hekk izda li fil-fatt hija qabdet u harget aktarx ghall-gharrieda minghajr ma ndunat li l-vettura ta' Grima kienet gejja u b'hekk baqghet diehla ghal gol-karozza tieghu.

Illi ghalhekk il-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-kollizjoni.

Dwar id-danni m'hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannaha sabiex thallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u disgha u tmenin lira Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm789.76c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------